**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 10 - IT-TLIETA 19 TA' JANNAR 2010**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-7:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. is-SE ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tas-seduti numri 7, 8 u 9. L-ewwel li kkunsidra kienu dawk tat-8 u d-9 laqgħa. Fuq proposta tal-Kunsilliera Miceli il-Kunsill qabel li, mill-paragrafu 1.8 tal-minuti tad-9 laqgħa, jitħassru l-kliem *'irċeviet ittra li tgħid'* u minflok jidħlu l-kliem '*ġiet notifikata'*. Kien hemm qbil ukoll li fl-istess paragrafu, wara '*Naxxar'* jkunu miżjuda l-kliem '*fil-grounds tal-fiera'.*

1.2. Il-minuti tat-8 laqgħa kienu approvati kif ippreżentati filwaqt li tad-9 laqgħa kienu approvati kif emendati. Dawn kienu ffirmati mis-Sindku u s-SE.

**2. SOSPENSJONI TAL-LAQGĦA**

2.1. Fit-7:50pm ġiet sospiża l-laqgħa biex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti mas-Sur Paul Abela mit-TFEA Ltd dwar il-possibbiltà li jerġgħu jibdew jiġu organizzati l-fieri fil-lokalità tan-Naxxar. Il-minuti dwar din il-laqgħa huma annessi f'A.

**3. KONTINWAZZJONI TAL-AĠENDA**

3.1. Fid-8:40pm tkompliet il-laqgħa fejn il-Kunsill ikkonsidra l-minuti tal-laqgħa numru 7.

3.2. Il-Kunsillier Bonello staqsa jekk kienx tlesta r-rapport dwar l-attività tar-Raħal fil-Milied. Is-SE informa li għalissa dan ma kienx għadu possibbli li jitlesta. Għall-mistoqsija tal-Kunsilliera Muscat Fenech Adami jekk kinux saru l-ħlasijiet għall-istess attività, is-SE informa li dawn kienu qed isiru, u kienu jinkludu wkoll ħlasijiet li mhumiex ta' din l-attività.

## 4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1. Is-Sindku infurmat li koppja Naxxarija kienet infurmat li tixtieq tagħmel ftehim mal-Kunsill sabiex tħallas għal tpoġġija ta' bank fi Triq l-Imħalla bħala memorja tagħhom wara mewthom. Dan għaliex ma kinux se jiġu midfuna minħabba li kienu qablu li għandhom jagħtu ġisimhom lid-Dipartiment tal-Anatomija biex issir riċerka fuqu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan.

4.2. Is-Sindku infurmat li ħargu applikazzjonijiet għal xi fondi u għaldaqstant il-Kunsill kien se jieħu ħsieb japplika għalihom. Id-data ta' skadenza għalihom kienet l-aħħar ta' Jannar, u kienu jinkludu fondi għal mezzi ta' *energy saving* kif ukoll taħwil ta' siġar madwar il-lokalita. Il-Kunsill laqa' t-talba tal-Kunsilliera Miceli sabiex japplika biex jiġu mħawla numru ta' siġar fl-Iskola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi. Il-Kunsillier Galea ssuġġerixxa li jitħawlu xi ftit siġar fis-Sgħajtar filwaqt li l-Kunsillier Bonello ssuġġerixxa li l-Kunsill isaqsi lill-każini jixtiequx xi siġar. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami ssuġġeriet li għandhom jitħawlu xi ftit siġar bejn Triq tal-Labour u s-Sgħajtar filwaqt li l-Kunsillier Sammut issuġġerixxa numru ta' siġar għal Baħar iċ-Ċagħaq. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li l-Kunsill kellu għotja oħra ta' erbatax-il siġra mingħand it-34U.

4.3. Is-SE informa li waħda mill-*memos* li ħareġ id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kienet li l-laqgħa tal-lokalità trid issir f'Jannar. Huwa qal li kien impossibbli li din tinżamm sal-aħħar ta' Jannar bil-mod kif issir min-naħa tal-Kunsill Naxxari. Huwa qal ukoll li, wara li tiġi ffissata d-data, il-Kunsill kien għadu jrid jagħmel avviżi fuq il-*media* kif ukoll preparazzjoni ta' *script* u *video*. Kien hemm qbil li l-laqgħa tinżamm nhar it-Tlieta 2 ta' Frar 2010 fis-7.30pm u li għal din id-darba ma jsirx il-filmat tas-soltu filwaqt li dan isir aktar tard matul is-sena u jkun muri waqt xi waħda mill-avvenimenti tal-Kunsill.

4.4. Is-Sindku infurmat li kienu saru l-laqgħat mal-applikanti li tefgħu l-offerti tagħhom fir-rigward tal-proġett fotografiku kif ukoll il-bini ta' websajt ġdida għall-Kunsill. Kien hemm qbil li ż-żewġ fotografers jintalbu jagħmlu prova ta' xogħol, eżattament li jippreżentaw lill-Kunsill b'żewġ ritratti fejn wieħed ikun ta' post identifikat mill-Kunsill (il-Pjazza) u ieħor li jixtiequ huma. Fir-rigward tal-offerta l-oħra tal-websajt, kien hemm qbil li għandu jiltaqa' s-sotto kumitat.

## 5. ĦLAS TA' KONTIJIET

5.1. Ġiet preżentata l-lista ta' pagamenti, kopja tagħha mehmuża f'appendiċi B. Din kienet approvata.

5.2. Il-Viċi Sindku informa li l-Kumitat Konġunt Tramuntana kien lest li jisponsorja sa massimu ta' €150 mill-kont tal-gwardjani għall-attività tar-Raħal fil-Milied. Is-SE informa li kien se jieħu ħsieb li jibgħat kopja tal-kont.

5.3. Il-Kunsillier Brincat staqsa jekk il-Kunsill kienx ġie kkonsultatat dwar il-formazzjoni ta' Kumitati Amministrattivi għall-komunitajiet. Is-SE informa li l-Kunsill kien ġie kkonsultat għalkemm ma kienx jaf meta kienet se tinżamm l-elezzjoni. Hu informa wkoll li fil-preżent qed jiġi diskuss dwar liema toroq kienu se jaqgħu fil-konfini ta' dawn il-komunitajiet. Huwa informa li l-informazzjoni li kien għaddielu d-Dipartiment, u li huwa għadda għand il-BICMAD biex jikkonsulta magħhom, il-Magħtab u Baħar iċ-Ċagħaq kienu se jsiru komunità waħda.

5.4. Is-Sindku infurmat li s-SE kien dar madwar il-lokalità sabiex jidentfika numru ta' toroq li għandhom bżonn li jerġgħu jiġu miksija. Hija kompliet li kienet qed titħejja lista dettaljata li trid titressaq waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Kien hemm qbil sadanittant

li l-Kunsill għandu jikteb lill-ADT dwar l-istat ta' Triq tal-Labour u anke minħabba li kienet ġiet miksija biss parti minnha.

5.5. Il-Kunsillier Gatt skuża ruħu mil-laqgħa fl-9:45pm.

5.6. Fir-rigward tat-toroq li ġew individwati għar-rikostruzzjoni, kien hemm qbil li Triq Birguma (in-naħa ta' ġewwa) għandha tkun l-ewwel triq li tiġi miksija u li jista' jibda l-proċess fuqha. Is-SE informa li bħala regola ġenerali l-Kunsill għandu jiżgura li toroq li jmissu ma' xulxin u li jkunu se jinksew mill-ġdid għandhom isiru flimkien għaliex huwa aktar prattiku u li jagħmel sens.

5.7. Għas-suġġeriment tal-Kunsillier Sammut sabiex tiġi rikostruwita Triq ir-Ramal fil-Magħtab, il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tiġi mgħoddija lill-WasteServ għaliex l-istat tagħha grava b'dan il-mod minħabba l-użu kontinwu tat-trakkijiet u scammels biex jidħlu l-Miżbla.

5.8. Fuq mistoqsija tal-Kunsillier Galea dwar meta se ssir il-laqgħa li jmiss dwar l-ilmenti, kien hemm qbil li din għandha tinżamm nhar is-Sibt 30 ta' Jannar.

5.9. Il-Kunsillier Brincat ressaq suġġeriment biex isir sinjal żgħir quddiem il-ħanut Kuka Bar fi Triq San Ġwann minħabba li l-bankina hija dejqa u minn xi drabi ma jkunx possibbli għas-sid li jdaħħal il-*crates* għaliex ma jkunx hemm spazju minn fejn jgħaddi. Huwa informa li din it-talba kienet differenti minn dik ta' qabilha għaliex it-talba preċedenti kienet għal *un/loading bay*. Kien hemm qbil li titpoġġa quddiem il-bord tal-ilmenti.

5.10. Is-SE irrefera għall-kommunikazzjoni mingħand Green MT (kopja diġà mgħoddija għall-attenzjoni tal-Kunsill) dwar ftehim għal skema biex jinġabar l-iskart isseparat mir-residenzi kif ukoll mill-*bring in sites*, il-Kunsill jingħata €40 fil-ġimgħa għal spejjeż amministrattivi kif ukoll €15 għal kull tunellata skart isseparat addizzjonali li jinġabru. Il-Kunsill qabel li għandu jsir l-iffirmar tal-ftehim u possibilment permezz ta' konferenza stampa.

## 6. PJAN TA' ATTIVITAJIET GĦAL DIN IS-SENA

6.1. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel talba biex l-attività L-Istorja tmexxi s-sengħa tiġi organizzata fix-xhur tas-Sajf minflok f'Settembru. Sadanittant il-Kunsillier Bonello informa li kien se jieħu ħsieb li jiffissa laqgħa ma' rappreżentanti tal-Ministeru tal-Agrikoltura dwar l-organizzazzjoni ta' festa tal-melħ fis-Salina.

6.2. Il-Kunsillier Bonello ssuġġerixxa biex jiġi individwat lok biex il-Kunsill jagħti l-opportunità li wieħed jara l-logħob tat-Tazza tad-Dinja fuq *big screen*. Kien hemm qbil li jiġi ffurmat sotto kumitat magħmul mill-Kunsilliera Bonello u Sciberras.

6.3. Kien hemm qbil l-festin tal-Karnival għandu jinżamm nhar il-Ħadd 14 ta' Frar filgħodu.

6.4. Il-Kunsillier Galea informa li nhar l-aħħar Erbgħa 27 ta' Jannar kienet se tinżamm ukoll il-ħarġa kulturali għal dak ix-xahar.

6.5. Il-Kunsillier Galea staqsa jekk kienx possibbli li l-Kunsill jerġa' joħroġ talba għall-offerti għas-servizz ta' *works officer*. Il-Kunsill qabel li dan għandu jerġa' jinħareġ.

6.6. Fuq talba tal-Kunsillier Galea kien hemm qbil li għandu jiġi mistieden il-kunsill taż-żgħażagħ sabiex jiltaqa' mal-Kunsill.

6.7. Il-Kunsillier Galea preżenta tliet kotba li jiswew €130 mingħand il-Klabb Kotba Maltin bħala donazzjoni għall-i*stall* li kellhom nhar ir-Raħal fil-Milied.

6.8. Minħabba li l-istudent Maurice Klein kien se jispiċċa t-terminu tiegħu ta' ħames xhur mal-Kunsill kif ukoll bħala okkażjoni annwali, l-Kunsill qabel li jorganizza attività soċjali.

## 7. MOZZJONI MILL-KUNSILLIER BRINCAT DWAR CCTV'S

7.1. Il-kunsillier Brincat issuġġerixxa li l-Kunsill ipoġġi CCTV fi Triq il-Brażil minħabba l-abbuż fuq il-*bring in site*. Il-Kunsillier Galea ssekonda din il-mozzjoni. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jistenna ftit qabel jieħu deċiżjoni definittiva fir-rigward.

7.2. F'dan ir-rigward il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li kienet se tipprovdi informazzjoni ta' kuntrattur li jista' jissuplixxi CCTV cameras b'irħis.

7.3. Kien hemm qbil li s-sostitut tal-Kunsillier Agius bħala rappreżentant fuq il-Kumitat Konġunt għandu jkun il-Kunsillier Gatt.

## 8. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

8.1. Il-laqgħa spiċċat fl-10:35pm.

8.2. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2010 fis-7:30pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

# A

**LAQGĦA MA' RAPPREŻENTANTI TA' TFEA LTD**

1. Għal-laqgħa f'isem TFEA Ltd kien hemm preżenti s-Sur Paul Abela u s-Sur Demajo.
2. Is-Sur Abela esprima x-xewqa li jkun hemm relazzjoni tajba bejn iż-żewġ partijiet (il-Kunsill u TFEA Ltd) u li jekk ikun hemm bżonn ikun iffurmat sotto-kumitat. Huwa semma li l-post fejn qabel kienu jsiru l-Fieri hemm il-ħsieb li jkun post għall-kummerċ, kultura, reliġjon u oħrajn li jagħmlu ġieħ kemm lin-Naxxar u anki lil Malta. Huwa post disponibbli għat attivitajiet oħra apparti l-fieri.
3. Huwa rringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsill li laqaghhom u japprezza l-interess mill-Kunsill lejn ir-residenti u n-negozju. Huwa kkonferma li se jospitaw il-Careers Expo.
4. Meta kien mistoqsi huwa stqarr li jiddispjaċih li ma setax jinvolvi lill-Kunsill minn kmieni minħabba li kienu jinsabu f'negozjati delikati u għalhekk ma setax 'idoqq trombi'.
5. Is-Sindku infurmatu li l-intenzjoni tal-Kunsill kienet li jisma u jkun mgħarraf aktar milli jikkummenta f'dan l-istadju bħal per eżempju x'kienu l-attivitajiet l-oħra.
6. Il-Kunsillier Bonello staqsa dwar il-parkeġġ tal-fiera u jekk dan hux inkluż bħala parti mill-kuntratt tagħhom. Is-Sur Abela wieġeb li huma se jeskludu li jkunu organizzati discos filwaqt li qed jistudjaw sistemi ta' park-and-ride.
7. Minħabba li s-Sur Abela ma kienx f'pożizzjoni jagħti aktar dettalji, speċjalment fid-dawl ta' interpretazzjonijiet varji tal-liġijiet u policies tal-MEPA kif ukoll xi kawżi l-qorti, is-Sindku stqarret li f'dan l-istadju wieħed għalxejn ikompli jiddiskuti jekk ma nafux eżatt x'se jiġri.
8. Il-laqgħa intemmet fid-8:40pm

**Paul Gatt**
Segretarju Eżekuttiv